# QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)
## MAĠISTRAT DR. LEONARD CARUANA LL.D., M.A. (FIN. SERV)

Rikors Nru: 232/2020 LC

**GO P.L.C.**
(C-2234)

*vs*

**SAAD ALI S ALI**
(K.I. 1222203A)

**Illum, 08 ta' Lulju 2022**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ippreżentat mis-soċjetà GO p.l.c. datat is-26 ta' Novembru 2020, fejn talbet lil dina l-Qorti tikkundanna lill-intimat iħallasha s-somma ta' disat elef, erba' mija u disgħa u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€9,449.40) in konnessjoni ma servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40888063, bl-ispejjeż u drittijiet, inklużi dawn in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bir-referenza Nru 471/2020, u bl-imgħaxijiet legali, kontra l-intimat li minn issa huwa inġunt għas-subbizzjoni;

Rat illi l-intimat ġie notifikat bir-rikors promotur u l-avviż tas-smiegħ tal-kawża permezz tal-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat illi minkejja li l-intimat ġie debitament notifikat, huwa naqas milli jippreżenta r-risposta tiegħu u naqas milli jidher għas-smiegħ tal-kawża sabiex jikkontesta l-pretensjonijiet miġjuba kontrih;

Rat illi din il-kawża ġiet assenjata lil din il-Qorti kif ppresjeduta nhar it-28 ta’ Lulju 2021;

Rat l-affidavit tar-rappreżentanta tas-soċjeta rikorrenti, senjatament Beverly Xerxen, manager fid-Dipartiment tal-Credit Control ippreżentat fl-24 ta’ Ġunju 2021;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi l-kawza ġiet imħollja għal-lum għas-sentenza;

Ikkonsidrat;

Illi mid-dokumenti mmarkati B1[1] u B2[2] eżebiti mal-Avviz promotur jirriżulta li l-intimat iffirma kuntratt mas-soċjeta rikorrenti fil-25 ta’ April 2019 sabiex din tipprovdilu s-servizzi ta’ telefonija minnu meħtieġa. Illi filfatt, l-intimat kellu l-kont numru 40888063 miżmum mas-soċjetà rikorrenti. Jirriżulta wkoll mill-prospett eżebit bħala dok “A”[3] illi dan l-ammont huwa dovut għall-perjodu mill-1 ta’ Mejju 2019 sal-1 ta’ Novembru 2019.

Illi r-rappreżentanta tas-soċjeta rikorrenti spjegat fl-Affidavit tagħha ppreżentat bħala Dok “GO2”[4] illi dan l-ammont jinkludi fih is-somma ta’ mija u sebgħa u ħamsin Ewro u erbgħa u ħamsin ċenteżmu (€157.54) bħala penalitajiet applikabbli in konnessjoni mat-terminazzjoni antiċipata ta’ dan

[1] A fol. 4 tal-atti proċesswali.
[2] A fol. 5 tal-atti proċesswali.
[3] A fol. 3 tal-atti proċesswali.
[4] A fol. 44 tal-atti proċesswali.

il-kuntratt, u li ma dan l-ammont għad iridu jiżdiedu l-imgħaxijiet, drittijiet u l-ispejjeż legali. Hija kkonfermat bil-ġurament tagħha illi dan l-ammont għadu dovut fl-intier tiegħu;

Illi jirriżulta wkoll li fil-21 ta' Frar 2020, is-soċjeta rikorrenti ppreżentat ittra uffiċjali ai termini tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimat (Ittra Nru 471/2020) fejn minkejja d-diversi tentattivi, din l-ittra baqgħetx ma ġietx notifikata lill-intimat, kif jirriżulta mill-kopja tar-riferti a fol. 19 u 20 tal-atti proċesswali.

Ikkonsidrat;

Illi l-provi ppreżentati mis-soċjetà rikorrenti ma ġewx kontradetti mill-intimat u b'hekk, wara eżami tal-provi prodotti, il-Qorti hija tal-fehma li s-soċjeta rikorrenti irnexxielha tipprova, sal-grad rikjest mil-liġi, il-pretensjonijiet tagħha fil-konfront tal-intimat rigwardanti s-somma minnha pretiża.

Illi fir-rikors promotur is-soċjetà rikorrenti tagħmel talba wkoll għall-imposizzjoni tal-imgħaxijiet legali. Illi f'dan ir-rgiward, il-Qorti tagħmel referenza għall-Artikolu 1139 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola, *inter alia*, illi jekk l-obbligazzjoni jkollha biss bħala oġġettil-ħlas ta' somma determinata, id-danni li jiġu mid-dewmien tal-esekuzzjoni tagħha jkunu jikkonsistu biss fl-imgħaxijiet fuq is-somma li jkollha tingħata meqjusin bit-tmienja fil-mija fis-sena. Illi di piu', l-Artikolu 1140 tal-istess Kap jistipola, *inter alia,* li l-imgħaxijiet għandhom jitħallsu, mingħajr ma jkun jinħtieġ li l-kreditur jipprova li bata xi telf.

Illi mill-atti pproċesswali jirriżulta, madanakollu, li l-intimat qatt ma ġie notifikat bl-Ittra Uffiċjali suriferita u b'hekk din qatt ma akkwistat il-forza ġudizzjarja mixtieqa mill-Artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-intimat. Illi dan il-fatt huwa konformi wkoll mad-dettami tal-Artikolu 890 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipola li "Il-protest jew l-ittra ufficjali jibdew isehhu minn dak in-nhar tan-notifika." B'hekk, il-Qorti ma

tarax li l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-data tal-Ittra Uffiċjali, peress li din qatt ma ġiet notifikata lill-intimat.

Illi kif ġie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Adrian Mifsud et noe**[5] "*In linea ma' gurisprudenza affermata dawn* [l-imgħaxxijiet] *ghandhom jiddekorru mid-data tan-notifika tac-citazzjoni,*" Illi mill-atti pproċesswali jirriżulta li r-rikors odjern ġie notifikat lill-intimat fid-9 ta' Frar 2022.[6]

Illi b'hekk, il-Qorti hi tal-fehma li l-imgħax għandu jibda jiddekorri mid-09 ta' Frar 2022, ossija mid-data ta' meta l-intimat ġie notifikat bl-atti odjerni;

Decide:

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta` rikorrenti u tikkundanna lil **Saad Ali S Ali** is-somma ta' disat elef, erba' mija u disgħa u erbgħin Ewro u erbgħin ċenteżmu (€9,449.40), bl-imgħax legali mid-data tad-09 ta' Frar 2022.

L-ispejjez kemm tal-preżenti kif ukoll tal-Ittra Uffiċjali numru 471/2020 ikunu a karigu esklussiv tal-intimat.

**Ft/Dr. Leonard Caruana**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**
**Deputat Reġistratur**

---

[5] **Dr. Simon Micallef Stafrace noe vs Adrian Mifsud u Neville Mifsud noe**, Qorti Ċivili, Prim' Awla, 9 ta' Diċembru 2002, Ċitazz. Nru 105/1993/1
[6] Ai termini tal-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, in-notifika bil-proċedura tal-pubblikazzjoni u affissjoni titqies li ssir fit-tielet jum tax-xogħol waral-aħħar data meta tkun ġiet pubblikata jew minn meta tkun twaħħlet il-kopja, skont liema tiġi l-aktar tard.